# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Marzu 2020**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 61/2017 JVC**

**Anthony Mario Vella, martu Carmen Vella u binthom Vanessa Vella**

**vs**

**Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali u l-Avukat Generali gie kjamat fil-kawza b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2017 u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2018 giet kjamata in kawza l-HSBC Bank Malta plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Anthony Mario Vella pro et noe kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

'Illi r-rikorrent kellu kawza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili u wara gie intavolat Appell li gie deciz fit-18 ta' Lulju 2017 bin-numru 28/2010/JA u l-esponenti qieghed ihoss li ma ighatax smigh xieraq;

Illi kif gew elenkati l-verbali fis-sentenza tal-Appell a fol 8 kien hemm serji ta' differimenti stante li kien hemm punt importanti li kien hemm bzonn ta' kawza ohra li l-mertu kien l-validita tat-titlu tal-bank u li ghalhekk kellha issi kawza fuq dak il-punt. Dan qieghed jinghad ghax li kieku din it-tieni kawza kellha tintilef mill-Bank il-kawza mertu ta' dan ir-rikors kien jispicca ghax il-bank ghandu titlu hazin;

Illi ta' minn isemmi illi fil-verbal tal-25 ta' Gunju 2012 dehru biss l-atturi jigifieri l-Bank assistit u u l-Qorti giet infurmata li l-partijiet kienu lest mill-provi u l-kawza marret ghas-sentenza fis-seduta ta' wara;

Illi dan il-verbal jirrifletti l-inguztizzja li saret lill-esponenti; Kif jista jkun li l-konvenuti li ma kienux prezenti jigi dikjarat ghalihom mill-atturi li huma lesti mill-provi aktar u aktar li l-konvenuti ma kinex prezenti;

Illi kif jista jkun li l-attur jiddetta l-verbal ghall-konvenuti bil-konsegwenza li l-Onorabbli Qorti sstradat l-kawza fuq dan il-

verbal meta l-konvenut lanqas ma kien ghadu beda bil-provi minhabba li kien qieghed jistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra;

Illi propju hawn hija l-ingustizzja li l-attu jigifieri l-bank odjern fl-ghaggla tieghu sabiex ilesti l-kawza jidher li ghamel verbal u dahal fil-kamp tal-konvenut xi haga li qatt ma seta jaghmel u zvija l-Onorabbli Qorti;

Dan il-ksur tad-dritt fondamentali tal-esponent jintitolah mhux biss ghad-dikjarazzjoni ta' tali nuqqas imma ukoll ghall-kumpens xieraq kif ukoll sabiex il-kawza tintbaghat quddiem l-Qorti tal-Prim Awla jew liema Qorti tkun halli l-konvenut jkun jista jkompli bil-provi tieghu;

Illi jidher car illi giet vjolata id-dritt imsemmi fl-artiklu 39 tas-smigh xieraq tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li fil-konfront tal-esponenti, gew vjolati l-jeddijiet protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta in partikolari l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani;

2. Taghti t-rimedji li jidhrilha opportuni;

3. Tilliwida l-kumpens dovut ghal tali vjolazzjoni u d-danni sofferti mill-esponenti, u konsegwentement tordna l-hlas tal-istess ammont likwidat lill-esponenti;

4. Taghti lill-esponenti l-fakulta sabiex iressaq il-provi tieghu halli il-kawza tigi deciza fuq il-provi imressqa;

Bl-ispejjez.'

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali kif isegwi:

1. 'Illi in linea preliminari jigi eccepit illi l-esponenti assolutament m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanza tar-rikorrent u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent;

2. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti bl-ebda mod m'hu qed jattribwixxu l-allegat ksur tad-dritt fundamentali tieghu ai termini tal-Artiklu 33 tal-Kostituzzjoni ghal xi ghemil jew nuqqas minn naha tal-esponenti izda minhabba ghemil imwettaq minn terz li lanqas hu parti f'din il-kawza u/jew minhabba decizjoni tal-Qorti u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti qed jattribwixxu l-ilment tieghu ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti li ghalqet il-provi tar-rikorrent fil-kawza in kwistjoni u ghal din il-lanjanza zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabbli l-esponenti;

4. Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal;

*'Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.'*

5. Illi l-esponent ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u ghalhekk zgur li l-lanjanzi tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li lanqas biss kien parti fil-proceduri;

6. Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut;

   *'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, <u>huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi</u> – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati;*

7. Illi in oltre ssir riferenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet **Dr. Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali Qrati et;**

8. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-stess rikorrenti.'

Rat illi permezz tal-verbal ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 17 ta' Ottubru, 2017 giet ordnata l-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali (fol. 23). Rat ukoll li permez tal-istess verbal giet ordnata l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza 28/2020/JA deciza finalment fit-18 ta' Lulju 2017 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Avukat Generali kif isegwi:

'Illi fir-rikors promotur is-socjeta rikorrenti qieghda tallega illi *'giet vjolata id-dritt imsemmi fl-atikolu 39 tas-smigh xieraq tal-Kostituzzjoni ta' Malta';*

Illi l-esponent mill-bidu jirrileva li huwa jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

1. Illi in linea preliminari billi r-rikorrenti qeghdin f'din il-kawza jitolbu fost ohrajn li jiksbu rimedju bil-possibilita' li l-istess rimedju jaffetwa lil partijiet fil-kawza 28/2010 JA fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc vs. Anthony Mario Vella et,*** allura jinhass xieraq ghall-ghanijiet ta' integrita` tal-gudizzju li l-partijiet kollha f'dawk il-proceduri jkunu parti f'din il-kawza, halli b'hekk kulhadd ikollu l-jedd li jghid tieghu u

b'hekk hadd ma jkun jista' jigi wara u jilmenta li ttiehdet xi decizjoni li tolqot il-proceduri 28/2010 JA fl-assenza tieghu;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, minn ezami tar-rikors promotur u mit-talbiet hemm imressqa huwa manifest li l-proceduri intavolati mir-rikorrenti huma intizi biex jikkontestaw id-decizjonijiet tal-Onorabbli Qorti Civili, Prim Awla u tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Ottubru 2012 u tat-18 ta' Lulju 2017 rispettivament. Din l-Onorabbli Qorti fil-mansjoni Kostituzzjonali taghha hija kompetenti biss biex tiddeciedi jekk gewx lezi xi drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u mhux li tirrevedi d-decizjonijiet tal-Qrati l-ohra sabiex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi sewwa jew le;

3. Illi isegwi ghalhekk li l-esponent jichad li l-proceduri 28/2010JA b'xi mod ivvjolaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan in vista' tal-fatt li jidher li r-rikorrenti qeghdin jittentaw din l-azzjoni taht forma ta' *terzo appello* mill-imsemmija decizjoni tal-Qorti tal-Appell Civili, li illum hija *res judicata*;

4. Illi certament ma jistaghx jinghad li r-rikorrenti ma kellhomx l-opportunita' li jiddefendu l-kaz taghhom billi jipproduci l-provi mehtiega. Illi mill-verbali tal-proceduri 28/2010 JA jidher ferm car li r-rikorrenti fil-kaz odjern inghataw opportunita` li jressqu l-provi taghhom tant li inghataw diversi differimenti li fihom il-familja Vella kellhom iressqu l-provi taghhom izda dawn baqghu inadempjenti, mhux talli hekk talli kemm ir-rikorrenti (konvenut fil-proceduri 28/2010) u kif ukoll il-legali taghhom naqsu milli jkunu prezenti ghall-ahhar hames seduti quddiem l-Ewwel

Onorabbli Qorti. Maghdud ma dan, ma jistghax jinghad li kien hemm prezunzjoni li l-Qorti kienet ser tissospendi l-proceduri sakemm jinghata l-ezitu finali fil-proceduri 529/2011 AE meta ma kien hemm l-ebda talba f'dak is-sens. Ir-rikorrenti naqsu wkoll milli jitolbu issospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex semai jipproduci kwalunkwe provi ohra li huma setgha kellhom u dan nonostante li kien hemm ftit aktar minn erba' xhur bejn is-seduta li fiha thalliet ghas-sentenza u d-data li fiha inghatat is-sentenza;

5. Illi l-Qorti tal-Appell kienet korretta meta ikkunsidrat li 'il fatt li hu [b'referenza ghall-appellant Vella] baqa' kompletament passiv huwa kaz car ta' *imputet sibi'*. Fuq l-istess linja l-esponent jeccepixxi li bl-ebda tigbid ta' interpretazzjoni ma jista' jinghad li kien hemm ksur ta' smigh xieraq meta kienu r-rikorrenti stess li naqsu milli jsegwu x'qieghed jigri fil-proceduri 28/2010 JA u aktar u aktar meta naqsu milli juru interess. Il-Qorti tal-Appell gustament ghamlet taghha dak li inghad fil-kawza ***Teddy Spiteri vs Catherine Muscat*** deciza fis-6 t'Ottubru 2000:

   Indubbjament anke fl-applikazzjoni ta' dan il-principju bazilari ta' dritt [tal-audi alteram parte] kellhom jigu osservati l-interessi supremi tal-gustizzja, kif ukoll id-drittijiet tal-kontro-parti li kienu jesigu illi s-smigh tal-kawza jkun regolat skond kif tidderiegi l-Qorti bl-applikazzjoni tal-ligi procedurali. L-appellanti allura ma kellhom l-ebda dritt jinvokaw dan il-principju meta kienu huma stess illi kienu hatja ta' nuqqas gravi fil-konfront tal-Qorti in kwantu bla gustifikazzjoni fallew milli jipproducu l-provi kollha taghhom meta hekk mitluba biex jaghmlu.

6. Illi inoltre, l-esponent jirribatti li r-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jigi likwidat kumpens dovut u jigi ordnat il-hlas tal-istess ammont likwidat u dan precizament minhabba l-inadempjenza taghhom stess mal-obbligi procedurali u cioe li naqsu milli jottemporaw ruhhom mal-verbali u d-digrieti li inghataw fil-proceduri 28/2010 JA;

7. Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponent jirrileva li l-ebda danni m'huma dovuti lir-rikorrenti, pero *dato ma non concesso,* li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi odjerni kien hemm xi ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti, fl-umli fehma tal-esponent dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.'

Rat illi permezz ta' digriet datat il-15 ta' Marzu, 2018 din il-Qorti diversament preseduta ordnat il-kjamat fil-kawza tal-HSBC Bank Malta plc. (fol. 40)

Rat ir-Risposta Guramentata tal-kjamat in kawza HSBC Bank Malta plc kif isegwi:

**‘Preliminari**

Illi fis-seduta tat-8 ta’ Mejju 2018, il-Qorti ordnat li ssir notifika tar-rikors kostituzzjonali odjern tal-Bank esponenti u li l-Bank ghandu iwiegeb ghar-rikors tas-seduta tal-14 ta’ Gunju 2018;

**Eccezzjonijiet**

1. Illi t-talbiet attrici huma frivoli u vessatorji u huma mirati sabiex itawwlu l-proceduri naxxenti mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza bin-numru 28/2010 deciza fit-18 ta’ Lulju 2017. Dan huwa tentattivi sabiex fil-fatt l-atturi jipprovaw jwaqqfu milli tigi ezegwita sentenza gusta u skont il-ligi;

2. Illi l-ilment tal-atturi huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u dan stante li fil-kawza quddiem il-Prim Awla, l-atturi odjerni (konvenuti f’dak il-kaz) kellhom seba’ seduti sabiex jaghlqu l-provi taghhom u utilizzaw seduta wahda biss u l-Qorti kienet gustifikata li tiddikjara l-provi taghhom maghluqa;

Illi fil-fatt jinghad li:

- Fis-seduta tal-5 ta’ Lulju 2010 il-kawza quddiem il-Prim Awla kienet giet differita ghat-22 ta’ Novembru 2010 sabiex il-partijiet iressqu l-provi taghhom;

- Fis-seduta tal-1 ta’ April 2011 il-Qorti kienet iddikjarat li l-konvenuti kellhom jaqghlqu l-provi taghhom sas-seduta ta’ wara ossia, l-11 ta’ Mejju 2011;

- Fis-seduta tal-11 ta' Mejju, il-konvenuti f'dik il-kawza kienu qalu fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2011 li kienet se tigi intavolata kawza sabiex jigi ikkontestat it-titolu tal-Bank kjamat in kawza. F'dik is-seduta kien xehed Anthony Mario Vella u fl-ebda hin ma talbu lill-Qorti sabiex tissoprasjedi l-kawza sakemm tigi deciza l-kawza l-ohra;

- Il-konvenuti f'dik il-kawza kellha zmien bizzejjed sabiex ittellghu l-provi taghhom u dan ma sarx;

Illi in oltre, l-ilment taghhom dwar is-smigh xieraq gja`sar quddiem il-Qorti tal-Appell fl-appell li huma kienu intavolaw wara s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili. Ghalhekk l-ilment gja`ghadda mill-gharbiel tal-Qorti tal-Appell li ghalkemm ma' tistax tiddeciedi kwistjonijiet kostituzzjonali hija tista' jekk jidhrilha tibaght il-process lura lil ewwel qorti jew tirratifika kwalunkwe nuqqas jew, bhal dan il-kaz, tiskarta bhala infondat l-allegat nuqqas.

Illi l-awturi Harris, O'Boyle u Warbick jghidu *"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".* Dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza 'Kostovski vs The Netherlands' (deciza 20 ta' Novembru 1989) intqal li, *'The effect of Article 6(1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision'.* Dan id-dritt ma jistax jigi definit *a priori* u specifikament, stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesa'. In oltre' fil-ktieb 'Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial' ta' Andrew Grotrian jinghad illi, *"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only*

*those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Illi fil-kuntest ta' dawn il-principji huwa car li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni il-process shih u l-Bank esponent huwa ta' fehma li m'hemmx dubbju li l-ewwel Qorti kienet, ben konsapevoli mill-linji difensjonali li kien qed jibbazaw fuqhom l-konvenuti f'dik il-kawza u fi kwalunkwe kaz il-Qorti tal-Appell hadet in konsiderazzjoni l-ilmenti taghhom. Ghalhekk ma kien hemm ebda effett fuq ir-rekwisit ta' smigh xieraq li ghandu jigi analizzat fil-kuntest ta' '*the proceedings as a whole*'.

Ghalhekk l-Bank esponent jirrileva li t-talbiet attrici ghandhom jigu dikjarati frivoli u vessatorji u michuda bl-ispejjez.'

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat is-27 ta' Lulju 2018 fejn gie ddekretat provisorjament kif isegwi:

*'tilqa' t-talba u tissospendi l-effetti tas-sentenza fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc v Anthony Mario Vella et (Cit 28/10) deciza fid-29 ta' Ottubru 2012 u kkonfermata mill-On. Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2017 u dan sakemm ir-rikorrenti jaghlqu l-provi taghhom fil-kawza tallum. Tirriserva li taghti provvedimenti ulterjuri jekk jidhrilha li jkun xieraq fic-cirkostanzi wara l-gheluq tal-provi tar-rikorrent, jew anke qabel f'kaz li tintwera raguni tajba.'*

Rat ix-xiehda, provi u dokumenti kollha fl-atti.

Rat ukoll l-atti annessi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-smigh tas-6 ta' Frar 2020.

Rat illi fil-verbal datat  6 ta' Frar 2020 dan ir-rikors kostituzzjonali gie differit ghallum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi dan ir-rikors kostituzzjonali jikkoncerna lanjanza ta' Anthony Mario Vella, martu u bintu li jsostnu li minhabba verbal partikolari fl-atti tal-kawza deciza finalment mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs. Anthony Mario Vella et. (Citazz. Nru. 28/10), allegatament gie lez id-dritt fundamentali taghhom ghal smigh xieraq ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi da parti tieghu id-Direttur intimat eccepixxa li huwa mhux il-legittimu kontradittur filwaqt li l-intimati l-ohra kjamati fil-kawza l-Avukat Generali u l-HSBC Bank Malta plc. jsostnu li meta wiehed jara l-process tal-kawza in kwistjoni b'mod shih ma jirrizultax li d-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrenti gie b'xi mod lez anzi jinsistu li kienu l-istess rikorrenti odjerni li naqsu ghal diversi drabi li jressqu l-provi taghhom qabel ma l-kawza giet differita ghad-decizjoni.  Jinsistu wkoll li permezz ta'dan ir-rikors ir-rikorrent qed jiprova jerga' jiftah il-mertu tal-kawza gie deciza b'dana li qed jintavola appell fuq appell.

Illi l-verbal in kwistjoni bejn il-partijiet jinsab a fol. 68 tal-process anness liema kawza kienet originarjament infethet lura fil-15 ta' Frar, 2010 kontra l-intimat, martu u binthom permezz tal-

procedura tal-giljottina. Huwa verbal li jgib id-data tal-25 ta' Gunju, 2012 u jaqra kif isegwi:

*'Meta ssejhet il-kawza dehru l-Prokuratur Legali Catherine Fenech assistita minn Dr Daphen Dodebier Sims u Dr Francis Lanfranco ghall-Bank attur.*

*Il-Qorti giet infurmata li l-partijiet huma lesti mill-provi.*

*Il-kawza giet differita ghad-29 t'Ottubru 2012, fl-9.45am ghas-sentenza.'*

Illi x-xhud principali u tista' tghid l-uniku xhud fil-proceduri odjerni cioe' Anthony Mario Vella kemm fl-affidavit tieghu a fol. 32 tal-process kif ukoll fix-xhieda tieghu a fol. 74 et seq tal-process jikkonferma li huwa ghamel il-proceduri odjerni ghar-raguni li ssegwi:

*'Jien ghamiltu dan ghaliex meta tlajna quddiem l-Imhallef, tal-Bank qabdu u ghalqu l-provi u jien lanqas kont hemm biss. Qabdu u ghalqu l-provi. . . . Taghhom. U qalu li tieghi wkoll maghluqin, huma stess; meta jiena ma xhedtx fl-ebda kawza . . . ma hallewnix nixhed – nghid tieghi jien Sinjura Mhallef; qabdu u ghalqu huma l-provi'.*

Mistoqsi izda in kontro-ezami a fol. 78 et seq tal-process li mhux minnu li ma thalliex jixhed f'dawk il-proceduri tant li kien xehed fil-11 ta' Mejju, 2012 (fol. 35 tal-process anness) jikkonferma li:

*'l-ewwel darba tlajt nixhed bilfors.'* (fol. 85 et ergo)

A fol. 86 tal-process mistoqsi jekk hux fatt li ghal xhur shah huwa ma jidhirx li kien qed jattendi ghas-smigh tal-kawza in kwistjoni jsostni li hu dejjem mar izda kellu mal-ghoxrin jew hmistax-il

kawza u hu jaghmel dak li jghidlu l-avukat. Mistoqsi wkoll jekk infurmax lill-avukat li kellu aktar provi jinsisti li l-Avukat jghidlu xi jrid jaghmel u mhux hu jghid lill-Avukat.

Illi mill-proceduri annessi l-Qorti kkonstatat kif isegwi:

1. Illi stante li l-intimati ma setghux jigu notifikati permezz tal-procedura normali tan-notifika fir-residenza taghhom bir-raguni tkun li 'ma fetah hadd' il-bank rikorrenti kellu jirrikorri ghan-notifika permezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni.

2. Illi permezz tal-verbal datat 30 ta' April, 2010 l-konvenuti nghataw l-opportunita li jiprezentaw eccezzjonijiet ghat-talba tal-bank u hekk sar permezz tar-risposta taghhom a fol. 23 tal-istess process.

3. Fil-verbal tal-5 ta' Lulju, 2010, deher il-konvenut u l-kawza giet differita ghall-provi kollh tal-partijiet ghat-22 ta' Novembru 2010.

4. Fil-verbal tat-22 ta' Novembru, 2010 jirrizulta li stante l-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti l-provi gew invertiti u l-kawza giet differita ghall- provi kollha tal-konvenuti ghall-14 ta' Frar 2011.

5. Mill-verbal tal-14 ta' Frar 2011 jirrizulta li kien il-konvenut stess li ghal ragunijiet medici talab differiment u din it-talba giet milqugha.

6. Mill-verbal tal-1 ta' April, 2011 jirrizulta wkoll li l-kawza regghet giet differita fuq talba tal-konvenut ghall-11 ta' Mejju, 2011.

7. Fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2011 li kienet appuntu ghall-provi tal-konvenut xehed il-konvenut Anthony Mario Vella. Ma jirrizultax mill-istess xiehda u mill-verbal tal-11 ta' Mejju, 2011 li gie riservat l-ezami ulterjuri tal-konvenut. Fl-istess verbal l-Avukat tal-konvenut talab zmien biex il-konvenut jirregola ruhu ghandux jibda l-proceduri biex jattakka l-validita' tat-titolu tal-bank attur. Il-kaz gie differit ghat-3 ta' Gunju 2011.

8. Fis-seduta tat-3 ta' Gunju, 2011 il-konvenut esebixxa kopja ta' rikors guramentat (ara fol. 46 et seq) li permezz tieghu l-konvenuti u martu talbu li l-proceduri tas-subbasta fuq il-proprjeta' mertu tal-kawza jigu dikjarati nulli. Il-kaz gie differit sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom ghad-19 ta' Ottubru 2011.

9. Fil-verbal tad-19 ta' Ottubru 2011 ma jirrizultax li l-konvenuti kienu prezenti. Dakinhar l-Onorabbli Qorti giet infurmata li r-rikors guramentat l-iehor prezentat mill-konvenuti kien jinsab differit ghad-decizjoni. Il-kawza giet differita biex il-partijiet jirregolaw ruhhom dwar is-sentenza ghas-16 ta' Jannar, 2012.

10. Fil-verbal tas-16 ta' Jannar, 2012 l-Qorti giet infurmata li kienet inghatat id-decizjoni dakinhar stess. Il-konvenuti ma kienux prezenti ghall-kawza. Il-kaz rega giet differit sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom dwar id-decizjoni.

11. Fil-verbal tal-1 ta' Marzu, 2012 l-Qorti giet infurmata mid-difensuri tal-Bank li kien gie ntavolat appell u ghalhekk il-kaz gie differit ghall-25 ta' Gunju 2012 ghall-informazzjoni ulterjuri. Jirrizulta li l-konvenuti wkoll naqsu li jidhru ghal dan is-smigh.

12. Fil-verbal tal-25 ta' Gunju, 2012 (gie kwotat aktar il' fuq) jirrizulta li dehru d-difensuri tal-Bank izda mhux il-konvenuti. F'dan l-istadju l-Qorti giet infurmata li l-partijiet kienu lesti mill-provi u l-kawza giet differita ghad-decizjoni ghad-29 ta' Ottubru, 2012.

13. Nhar id-29 ta' Ottubru, 2012 deher id-difensur tal-Bank attur izda mhux il-konvenuti. Inghatat decizjoni mill-Qorti.

Il-Qorti tinnota li fil-mori bejn il-verbal tal-25 ta' Gunju, 2012 u d-data li nghatat id-decizjoni cioe' nhar id-29 ta' Ottubru, 2012 ma dahal xejn aktar fl-atti.

Jirrizulta li d-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti li laqghet it-talba tal-Bank attur giet appellata mill-konvenuti u giet deciza finalment mill-Onorabbli Qorti tal-Appell kif isegwi:

*'Preliminari*

*1. Dan hu appell maghmul mill-konvenuti minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talbiet kollha attrici u pprefiggiet terminu ta' xahar sabiex il-konvenuti jizgumbraw mill-fondi indikati fir-rikors guramentat liema fondi kienu gew liberati favur il-Bank attur wara proceduri ta' subbasta u li kienu qed jigu okkupati mill-konvenuti minghajr titolu validu; bl-ispejjez ikunu a kariku tal-istess konvenuti.*

*Il-Fatti*

*2. B'rikors prezentat mill-Bank attur fit-13 ta' Jannar 2010 dan talab li l-Qorti tordna l-izgumbrament mill-fondi indikati fis-sentenza appellata wara li dawn il-fondi kienu gew liberati favur tieghu wara proceduri ta' subbasta. Il-konvenuti laqghu ghat-talbiet tal-attur bl-eccezzjoni principali li l-konvenuta Vanessa Vella, bint il-konvenuti l-ohra, ghandha titolu validu ta' kera li jaghtiha d-dritt li tibqa' tirrisjedi fl-istess fondi. Ghalhekk l-ewwel Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi.*

*3. Matul il-proceduri odjerni l-konvenuti pprezentaw rikors guramentat li permezz tieghu attakkaw il-proceduri tas-subbasta u fl- udjenza tas-16 ta' Jannar 2012 il-Bank attur informa lill-ewwel Qorti li s-sentenza kienet inghatat b'ezitu favur tieghu. Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2012, l-attur informa lil dik il-Qorti li kien sar appell u l-kawza thalliet "ghal informazzjoni ulterjuri". Fil-25 ta' Gunju 2012 il-kawza thalliet ghas-sentenza, wara li l-Bank attur iddikjara "li l-partijiet huma lesti mill-provi". Konsegwentement fid-29 ta' Otturu 2012 inghatat is-sentenza appellata.*

*4. Fil-mori tal-proceduri quddiem din il-Qorti, fl-udjenza tal-29 ta' Mejju 2017 id-difensuri tal-partijiet informaw il-Qorti li l-appell kien inqata' favur il-Bank attur, izda kienu gew istitwiti proceduri ta' ritrattazzjoni.*

*Is-Sentenza Appellata*

*L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:*

*"Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2010 li permezz tiegħu l-bank attur ippremetta:*

*1. "Illi fit-28 ta' Lulju 2006 ġiet liberata a favur tar-rikorrenti s-segwenti proprjeta', u cjoe':*

*a. "Il-garaxx bla numru magħruf bħala 'Jonathan' fi Triq Tumas Fenech, Ħal-Qormi, sottostanti proprjeta' ta' terzi konfinanti mill-grigal mal-imsemmija triq, mil-majjistral ma' proprjeta' ta' Emanuel Said u mix-xlokk ma' proprjeta' ta' Carmelo Zammit jew irjieħ verjuri oħra, u dana bil-prezz ta' elfejn u mitejn lira Maltija (Lm2,200); animo compensandi akkont ta' dejn ferm akbar li baqa' ma tħallasx.*

*b. "Il-mezzanin mingħajr numru bl-isem 'Walnut Grove' fi Triq Tumas Fenech, Qormi konfinanti mill-punent mal- imsemmija triq, mit-tramuntana ma' proprjeta' tal-familja Agius, u minn nofsinhar ma' proprjeta ta' Alfred Caruana, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħamsa u għoxrin liri Maltin (Lm25) u dana bil-prezz ta' erbatax-il elf u sitt mitt Lira Maltija (Lm14,600).*

*2. "Illi dawn il-fondi kienu jappartjenu lill-intimati Anthony Mario u Carmen konjuġi Vella u huma llum okkupati u detenuti mill-istess intimati u binthom l-intimata l-oħra f'dan ir-rikors, u cjoe' Vanessa Vella, u dana abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;*

*3. "Illi s-socjeta' rikorrenti tixtieq tiżgombra lill-intimata mill- propjeta' in kwistjoni u għalkemm l-istess intimati ġew interpellati sabiex jagħmlu dan huma baqgħu inadempjenti;*

*4. "Illi jeżistu l-elementi kontemplati fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Liġijiet ta' Malta għal eżenzjoni mis- smiegħ billi fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet xi jġibu kontra dina t-talba ta' żgumbrament, u dana kif jirriżulta wkoll mill-anness affidavit dokument 'B';*

*"Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti qegħda tiġi mitluba sabiex, għar-raġunjiet premessi u bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikoli 167 sa 1710 tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Liġijiet ta' Malta:*

*1. "Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati qegħdin jokkupaw u jiddetjenu abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, il- proprjeta' fuq*

*imsemmija, u cjoe' l-garaxx bla numru li jġib l- isem 'Jonathan' fi Triq Tumas Fenech, Ħal-Qormi u l-meżżanin mingħajr numru li jġib l-isem 'Walnut Grove' fi Triq Tumas Fenech, Qormi kif aħjar fuq deskritti;*

*2. "Tordna, għalhekk, l-iżgumbrament tal-intimati mill-istess imsemmija proprjeta', u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat lilhom minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*"Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa jibqgħu mħarrka għas-subizzjoni u salv kull azzjoni oħra inkluża dik għad-danni spettanti lis-socjeta' rikorrenti kontra l-intimati skond il-liġi.*

*"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-bank attur u l-lista tax-xhieda.*

*"Rat id-digriet tat-30 ta' April 2010 li permezz tiegħu l-konvenuti ġew awtorizzati jikkontestaw il-kawża;*

*"Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti pprezentata fit-18 ta' Mejju 2010, li permezz tagħha eċċepew:*

*1. "Illi fl-ewwel lok hemm kirja valida u skond il-liġi li saret fis-sena 2005 fejn Anthony Mario Vella u martu Carmen Vella favur binthom Vannessa Vella u li għalhekk Vannessa Vella għandha kull dritt li tirrisjedi f'dan il-fond;*

*2. "Illi fit-tieni lok Vannessas Vella kienet ukoll għamlet talba sabiex tixtri d-dar meta kien hemm is-subbasta li juri biċ-ċar l- intenzjoni li kien hemm kirja valida u skond il-liġi.*

*"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda. "Semgħet il-provi;␟"Rat l-atti proċesswali;*

*"Rat ukoll kopja tal-atti tas-subbasta imsemmja fir-rikors li ġew esebiti mill-konvenuti;*

*"Rat illi l-konvenuti matul dawn il-proċeduri istitwew proċeduri biex jitolbu n-nullita' tal-proċeduri tas-subbasta, liema proċeduri ntemmu*

*permezz ta' sentenza tas-16 ta' Jannar 2012 mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fejn ġew miċħuda t- talbiet tal-atturi f'dik il-kawża – cjoe' l-konvenuti odjerni.*

*"Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju 2012 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;*

*"Ikkunsidrat;*

*"Illi kif jidher mir-rikors promotur il-bank attur qed jitlob l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-fond imsemmi fl-istess rikors; dan il-fond kien inxtara kif jingħad fir-rikors mingħand l-istess konvenuti konjugi Vella; il-bank allura qed jgħid li l-konvenuta m'għandha ebda titolu biex toqgħod fih.*

*"Illi l-konvenuti qed jikkontestaw primarjament għaliex il-konvenuta Vanessa Vella, dejjem skond il-konvenuti, għandha titolu validu ta' lokazzjoni.*

*"Illi dwar il-fatti ma tantx hemm wieħed x'jissofferma fit-tul u huma spjegati tajjeb fir-rikors promotur. Għalkemm il-konvenuti jeċċepixxu t-titolu ta' Vannessa Vella li hija bint il-konvenuti l-oħra, ma ressqux provi fir-rigward.*

*"Illi l-Qorti jidhrilha, illi anke kieku dan sar kienet tittratta din l-eċċezzjoni b'diffidenza. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl- ismijiet "Chetcuti vs Vassallo Eminyan" deċiża fis-27 ta' Ġunju 2009, "il-Qrati dejjem ħarsu b'suspett lejn suppost kirja mill-ġenituri lil xi ħadd mill-ulied għax ġeneralment dejjem kien hemm mottiv jew ħsieb ieħor wara dik il-kirja." Fl-istess kawża, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-7 ta' Frar 2008 qalet li l-kirja kienet "stratagemma tad-debituri biex meta l-post jinbiegħ bl-irkant ġudizzjarju jinqdew bil-kirja favur binthom bħala kenn kontra t-tneħħija tagħhom mill-istess post" – eżatt bħas-sitwazzjoni ta' din il-kawża. Din il-Qorti esprimiet l-istess ħsieb fil-kawża deċiża fit-30 ta' April 2012 fl-ismijiet "HSBC Bank vs*

*John Debono et".*

*"Illi ġie osservat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil- kawża fl-ismijiet "Saviour Zammit vs Joseph Galea et" (30 ta' Marzu 2001) illi l-kliem 'bla titolu' espressa f'att ġudizzarju promotur, "kellu jinqara fis-sens limitat li l-Qorti kellha tindaga u tistabbilixxi l-eżistenza tat-titolu fil-konfront tal-attur li jkun ippropona l-kawża kontra l-konvenut li jkun qiegħed jokkupa l-fond tiegħu. Ma kienx allura biżżejjed għall-konvenut illi hu jkun qiegħed jippossjedi l-fond bis-saħħa ta' relazzjoni ġuridika leġittima, kienet x'kienet, li kellu ma' xi ħadd, kien min kien. Kellu jipprova illi tali relazzjoni ġuridika leġittima kienet teżisti bejnu u bejn l-attur."*

*"Illi ma hemmx dubju għalhekk li t-talba attriċi timmerita li tiġi milqugħa".*

*L-Appell*

*5. Permezz ta' rikors ta' appell prezentat fil-15 ta' Novembru 2012 il-konvenut qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici jew tibghat lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex "dina taghti pjena opportunità [lill-konvenuti]" sabiex iressqu l-provi taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Bank attur.*

*6. Min-naha tieghu, l-attur prezenta risposta fid-29 ta' Novembru 2012 li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm indikati, qed jitolbu li din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom.*

*L-Aggravji*

*7. L-appell huwa bbazat fuq zewg aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza minghajr ma stenniet l-ezitu finali tal-proceduri intavolati mill-konvenuti u li permezz taghhom huma kienu qeghdin jattakkaw il-validità tas-subbasta li abbazi taghha l-Bank ippromwova l- kawza odjerna; [2] li, anke li kieku l-ewwel Qorti "setghet tiddecidi li ma tibqax*

*tissoprasjedi, hija kellha mhux tghaddi ghas-sentenza izda taghti l-fakulta lill [konvenuti] sabiex iressqu l-provi taghhom".*

*8. Min-naha tieghu l-Bank attur jirribatti bis-sottomissjoni li mhuwiex minnu li l-konvenuti ma kienux inghataw l-opportunità li jressqu l-provi taghhom, di fatti l-konvenut kien xehed fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2011 u minn dakinhar inghataw diversi differiment li fihom il-konvenuti setghu kieku riedu jkomplu jressqu l-provi taghhom izda dawn naqsu milli jghamlu dan. Barra minn hekk l-ewwel Qorti ma tat ebda digiret ta' soprasessjoni u ghalhekk il-konvenuti ma kellhomx ragun li jipprezumu li dik il-Qorti kienet ser tissospendi l-proceduri sakemm jinghata l-ezitu finali tal-proceduri mibdijin minnhom. Ukoll, meta fl-udjenza tal-25 ta' Gunju 2012 l-ewwel Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza sakemm eventwalment fid-29 ta' Ottubru 2012 tat is-sentenza, u ghalhekk minkejja t-trapass ta' kwazi erba' xhur, huma naqsu milli jitolbu sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.*

*9. Fir-risposta tal-appell, il-Bank attur spjega l-iter tal-proceduri bil-mod segwenti u li gie verifikat minn din il-Qorti:*

*"Is-seduta tal-5 ta' Lulju 2010 giet differita "ghal-provi kollha tal-partijiet" ghat-22 ta' Novembru 2010. F'din is-seduta kien ukoll prezenti il-konvenut Anthony Mario Vella;*

*"Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2010 dehru kemm l-atturi kif ukoll il-konvenut u, minhabba l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Vella gie deciz illi l-provi kellhom jigu invertiti, u ghalhekk il-kawza giet differita "ghal-provi kollha tal-konvenuti" ghal-14 ta' Frar 2011;*

*"FI-14 ta' Frar 2011 dehru l-partijiet u d-difensuri taghhom u fuq talba tal-konvenut - mhux opposta - il-kaz gie differit ghall-istess skop tal-verbal tas-seduta precedenti ghall-I ta' April 2011 ;*

*"Fl-l ta' April 2011 deher I-Avukat Martin Fenech ghal konvenuti u talab differiment peress illi l-konvenut jinsab indispost. Il-kawza "giet*

*differita ghall-ahhar darba ghal provi tal-konvenuti" ghal-ll ta' Mejju 2011;*

*"Fil-11ta' Mejju 2011 xehed bil-gurament I-konvenut u........ talab zmien sabiex il-konvenut jirregola ruhu ghandux jibda l- proceduri biex jattakka l-validita' tat-titolu tal-Bank attur. Il-kawza giet differita ghat-3 ta' Gunju 2011;*

*"Fit-3 ta' Gunju 2011 dehru l-partijiet assistiti u l-Avukat Fenech pprezenta kopja tal-proceduri gjudizzjarji godda minnhu intavolati u l-kawza giet differita "sabiex il-partijiet jirregolaw ruhom" ..... ghad-19 ta' Ottubru 2011;*

*"Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011 dehru l-atturi li infurmaw il-Qorti illi l-kawza fl-ismijiet inversi kienet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Jannar 2012 u ghalhekk, dan il-kaz gie ukoll differit ghas-16 ta' Jannar 2012;*

*"Fis-16 ta' Jannar 2012, dehru biss l-atturi li infurmaw lill-Qorti illi s-sentenza fl-ismijiet inversi kienet inghatat minn dina l-Qorti diversament presjeduta - Rik 529/11AE - u dan il-kaz gie differit ghall-l ta' Marzu 2012 biex "il-partijiet jirregolaw ruhom dwar din is-sentenza";*

*"Fl-I ta' Marzu 2012 regghu dehru biss l-atturi li infurmaw lill-Qorti illi kien sar appell mill-[konvenuti, allura atturi] fil-kawza fl-ismijiet inversi fuq indikata u l- kawza [odjerna] giet differita ghall-25 ta' Gunju 2012 'ghall-informazzjoni ulterjuri' ;*

*"Fil-25 ta' Gunju 2012 regghu dehru biss l-atturi assistiti u "l-Qorti giet infurmata li l- partijiet kienu lesti mill-provi". Iil-kawza giet differita ghad-29 ta' Ottubru 2012 ghas-sentenza;*

*"Fid-29 ta' Ottubru 2012 inghatat is-sentenza odjerna".*

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

*10. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li kull parti f'kawza ghandha d-dmir li ssegwi l-kawza b'diligenza u tottempera ruhha mal-verbali u digrieti li jkunu nghataw f'dawk il-proceduri. Min-naha taghha l-Qorti ghandha ssegwi skrupolozament ir-regoli tal-procedura kif imfassla fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura u tassikura li hadd ma jabbuza mill-process gudizzjarju b'differimenti inutili, ghax hekk kif kull parti ghandha dritt fundamentali ta' smigh xieraq billi tinghata l-opportunità adegwata li tressaq il-provi taghha, l-istess dritt fundamentali jesigi li l-kawzi jinqatghu minghajr dewmien irragjonevoli.*

*"Indubbjament anke fl-applikazzjoni ta' dan il-principju bazilari ta' dritt [tal-audi alteram parte] kellhom jigu osservati l-interessi supremi tal-gustizzja, kif ukoll id-drittijiet tal-kontroparti li kienu jezigu li s-smigh tal-kawza jkun regolat skont kif tidderigi l-Qorti bl-applikazzjoni tal-ligi procedurali. L-appellanti allura ma kellhom ebda dritt jinvokaw dan il-principju meta kienu huma stess li kienu hatja ta' nuqqas gravi fil-konfront tal-Qorti in kwantu bla gustifikazzjoni fallew milli jipproducu l- provi kollha taghhom meta hekk mitluba biex jaghmlu" [App. Teddy Spiteri vs Catherine Muscat 6.10.2000]".*[7]

*11. Ferm il-premessi konsiderazzjonijiet legali, din il-Qorti issa ser tghaddi ghal konsiderazzjonijiet taghha dwar il-kaz odjern.*

*12. Fl-ewwel lok, jigi osservat li l-partijiet ghandhom id-dmir li isegwu dak li jghidu l-verbali, ghax huma dawn li jorbtu lill-partijiet f'kawza u m'ghandhomx jistriehu fuq dak li l-konvenuti jsejjhu "l-intendiment". Huma l-verbali fit-termini taghhom li jrregolaw it-tmexxija tal-kawza u mhux dak li, skont il-konvenut, kien mahsub izda mhux espress. Ghalhekk, is-sottomissjoni tal-konvenuti "illi l-intendiment kien illi l-Ewwel Qorti tissoprassjedi sakemm tigi deciza defenittivament il-kawza 528/2012 [mressqa mill-konvenuti fil-mori tal-proceduri]" hija legalment insostenibbli. Ladarba ma kienx hemm, la talba ghas-soprasessjoni u wisq anqas digriet ta' soprasessjoni sakemm tinqata' l-kawza l-ohra, l- ewwel Qorti kienet procuderalment korretta meta, wara diversi differimenti*

*sabiex "il-partijiet jirregolaw ruhhom" u meta l-kawza kienet diga giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenuti, fl-ahhar iddecidiet li ma thallix aktar dilungar f'dawn il-proceduri u ghalhekk halliet il-kawza ghas-sentenza.*

*13. Fit-tieni lok, tosserva li ma kien hemm xejn legalment li jzomm lill-konvenuti f'din il-kawza li jkomplu jressqu l-provi taghhom minkejja li l-proceduri l-ohra kienu ghadhom pendenti. Fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2010 l-ewwel Qorti kienet iddifferiet il-kawza "ghall-provi kollha tal-konvenuti". Di fatti l-konvenut kien xehed fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2011, izda wara din l-udjenza u minkejja diversi udjenzi li saru sussegwentement huwa naqas milli jkompli jressaq il-provi tieghu. Mhux talli ma ressaqx provi ohra, talli ghall-erba' udjenzi li nzammu bejn id-19 ta' Ottubru 2011 u l-25 ta' Gunju 2012 huwa ma indenjax ruhu li jkun prezenti jew ikun rapprezentat tramite d-difensur tieghu.*

*14. F'dawn ic-cirkostanzi l-konvenut difficilment jista' b'success ikompli jsostni l-aggravju tieghu li hu ma kienx inghata' opportunità adegwata sabiex iressaq il-provi tieghu. Din l-opportunità kienet inghatat lilu sa mill-udjenza tat-22 ta' Novembru 2010 u kien hu li naqas milli juzufruwixxi mill-opportunità ampja li kellu sabiex ikompli jressaq il-provi tieghu. Mhux talli wera nuqqas ta' diligenza f'dan ir-rigward, talli, kif korrettemant sottomess mill-Bank attur, meta l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza fl-udjenza tad-25 ta' Gunju 2012 sakemm inghatat is-sentenza erba' xhur wara huwa naqas li jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u, il-fatt li huwa ma kienx deher jew rapprezentat f'dik is-seduta u fit-tlett seduti precedenti ma jimmilitax favur tieghu, izda jimmilita kontra tieghu peress li hu kien fid-dmir li, anke jekk naqas milli jidher, ikompli jsegwi d-differimenti u l-verbali li kienu nghataw fl-assenza tieghu. Ghalhekk il-fatt li hu baqa' kompletament passiv huwa kaz car ta' imputet sibi.*

*15. Ghaldaqstant l-aggravji mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.*

*Decide*

*Għar-raġunijiet premessi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u, għall-finijiet tal-perijodu mogħti għall-iżgumbrament il-Qorti tordna li x-xahar mogħti mill- ewwel Qorti jibda jiddekorri mid-data ta' dan il-ġudizzju.*

*L-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.'*

Konsegwenti għad-deċiżjoni suesposta li ngħatat nhar it-18 ta' Lulju, 2017 r-rikorrent odjern flimkien ma' martu u bintu Vanessa Vella ntavola r-rikors kostituzzjonali odjern flimkien ma' talba sabiex l-ordni ta' żgumbrament tiġi sospiża pendenti dawn il-proċeduri. Dik it-talba kienet ġiet milqugħa *pendente lite*. Minn dan kollu jirriżulta lil din il-Qorti li minn kawża ta' giljottina prezentata lura fis-sena 2010 sallum, aktar minn għaxar snin wara, r-rikorrenti odjerni għadhom qed jokkupaw il-proprjeta' in kontestazzjoni bejnhom u l-HSBC Bank Malta plc.

**Leġittimu kontradittur:**

Illi d-Direttur intimat qajjem l-eċċezzjoni li huwa mhux il-leġittimu kontradittur in vista li l-Qrati huma istituzzjoni kompletament indipendenti mill-amministrazzjoni tal-Qorti, stante li hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-proċeduri in kwistjoni tant li ma kienx parti fl-istess u wkoll stante li bħala Direttur tal-Qorti huwa marbut li jottempera ruħhu mal-ordnijiet tal-Qrati u xejn aktar. In sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu jagħmel ukoll referenza għal diversa ġurisprudenza tal-Qrati f'dan ir-rigward.

Illi l-Qorti rat illi appuntu fil-każ bin-numru 28/10 bejn l-HSBC Bank Malta plc. u r-rikorrenti odjerni, li kienu ntimati, d-Direttur tal-Qorti Ċivili u Tribunali evidentement ma kienx parti. In oltre fir-rikors odjern jirriżulta li wara li tqajjmet l-eċċezzjoni in kwistjoni ġie kjamat fil-kawża fuq talba tal-istess rikorrenti l-

Avukat Generali li huwa l-entita` appopozita ntiza li tirrispondi ghall-pretensjonijiet bhal dawk odjerni. Din il-Qorti mill-atti ma tara l-ebda raguni valida kemm minn lat ta' procedura kif ukoll minn lat fattwali ghalfejn kellu jigi ntimat fil-proceduri odjerni r-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali. Fil-fatt fit-trattazzjoni tar-rikors odjern ir-rikorrenti ma semmew xejn dwar dan il-punt. Se mai jekk l-argument tar-rikorrenti seta jkun li stante li kien hemm decizjoni li tista' tigi ezegwita u ghalhekk kellu tintalab 'interim measure' din xorta wahda ma kellhiex tintalab kontra d-Direttur intimat izda kontra l-Bank intimat. Kif inghad id-Direttur intimat fi kwalunke kaz ma jiehux decizjoni hu izda jimxi mad-decizjonijiet u l-ordnijiet tal-Qrati u ghalhekk fil-kaz ta' procedura interim id-Direttur irid jimxi mal-ordnijiett/digriet tal-Qorti irrilevantement hux parti fil-kaz jew le ghalhekk evidentement ma kellux jigi mharrek fir-rikors odjern u jirrizulta li mhux il-legittimu kontradittur.

Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjoni li mhux il-legittimu kontradittur mqajjma mid-Direttur intimat u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi fil-mertu tal-lanjanza kostituzzjonali odjerna jirrizulta lil din il-Qorti li l-istess aggravju tqajjem mir-rikorrenti odjerni fl-atti tal-appell bin-numru 28/10 u gie deciz minn dik l-Onorabbli Qorti. Fil-fatt ir-rikorrenti fit-tieni aggravju taghhom fl-appell ilmentaw li ma nghatawx il-fakulta li jressqu l-provi taghhom quddiem l-Ewwel Qorti. Fl-istess aggravju jaghmlu referenza ghall-verbal in kontestazzjoni fir-rikors odjern u cioe' dak tal-25 ta' Gunju 2012 fejn isostnu li l-Ewwel Qorti strahet fuq dikjarazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-bank appellat fis-sens li l-partijiet kienu

lesti mill-provi taghhom. Tant l-appell kien ibbazat fuq dan il-punt li t-talba tal-konvenuti appellanti llum rikorrenti kienet appuntu sabiex l-atti jintbaghtu lura quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti biex jinstemghu il-provi taghhom.

Illi kif gia kkonstatat din il-Qorti, mix-xiehda tar-rikorrent fl-atti odjerni, dawn huma wkoll il-lanjanzi tieghu fil-proceduri odjerni fejn qed isostni li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghaliex skont hu ma thalliex jixhed u ma thalliex iressaq provi filwaqt li l-kawza giet differita ghad-decizjoni.

Illi din il-Qorti kkonstatat ukoll minn qari tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hawn fuq riportata li dik l-Onorabbli Qorti dahlet ferm fl-aggravju tal-konvenuti appellanti (illum rikorrenti) tant li ghamlet l-istess ezercizzju li gia ghamlet din il-Qorti f'din id-decizjoni  aktar il' fuq u cioe' rreferiet verbal wara verbal ghal dak li gara matul il-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. L-Onorabbli Qorti tal-Appell dahlet fl-analizi tad-dritt tas-smigh xieraq tal-partijiet f'kawza izda waslet ghall-konkluzjoni li l-aggravju tal-konvenuti appellanti (illum rikorrenti) ma kienx gustifikat u ghaddiet sabiex tichad l-istess bir-ragunijiet principali moghtija jkunu kif isegwi:

1. Illi l-konvenuti appellanti kienu skorretti li jibbazaw l-argument taghhom fuq dak li suppost kien qed jigi intiz bejn il-partijiet izda mhux imnizzel fil-verbali tal-Qorti;

2. Illi huma l-verbali tal-Qorti li jirregolaw l-andament tal-kawza u mhux dak li suppost huwa intiz tant li kkonkludiet li fl-ebda mument ma kien hemm ebda talba wisq anqas ordni mill-Qorti ghas-soprasessjoni taghha pendenti l-kawza l-ohra ntavolata mill-konvenuti;

3. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet tat ampja opportunita' lill-konvenuti sabiex iressqu l-provi tant li kienu gew invertiti l-provi u fil-fatt il-konvenut kien sahansitra taha x-xiehda tieghu fil-proceduri;

4. Illi ghalkemm inghataw diversi differimenti sabiex il-konvenuti (rikorrenti odjerni) jressqu l-provi kollha taghhom dawn ma ghamluhx. L-istess gara filwaqt li ghal diversi drabi l-kawza giet differita sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom;

5. Illi kien nuqqas tal-istess konvenuti li naqsu li jattendu diversi drabi ghas-smigh tal-kawza filwaqt li emfasizzat li kull parti f'kawza ghandha d-dmir li ssegwi l-kawza b'diligenza u tottempera ruhha mal-verbali u digrieti;

6. Illi xejn ma jiggustifika li l-konvenuti, nonostante li minn meta l-kawza giet differita ghad-decizjoni sad-data tad-decizjoni ghaddew aktar minn erba' xhur (4) huma naqsu milli almenu jintavolaw rikors sabiex l-Ewwel Qorti tissospendi l-prolazzjoni tad-decizjoni.

7. Illi kull parti ghandha d-dritt fundamentali ta' smigh xieraq billi ghandha tinghata l-opportunita adegwata li tressaq il-provi taghha izda emfassizzat ukoll li l-istess dritt fundamentali jesigi li l-kawzi jinqatghu minghajr dewmien irragonevoli.

Illi fic-cirkustanzi suesposti l-Qorti taghmel referenza ghat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-Avukat Generali fejn appuntu jsostni li din il-Qori fil-mansjoni Kostituzzjonali taghha hija kompetenti

biss sabiex tiddeciedi jekk gewx lezi xi drittijiet fundamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u mhux li tirrevedi d-decizjonijiet tal-Qrati l-ohra sabiex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi sewwa jew le u tagixxi ta' *terzo appello*.

Ikkonstatat ukoll illi fir-raba' talba taghhom ir-rikorrenti odjerni qed jitolbu appuntu li din il-Qorti tordna li jithallew iressqu l-provi li qed isostnu li suppost thallew iressqu fil-kawza deciza 28/10.

Din il-Qorti in vista tal-konstatazzjonijiet kollha suesposti ma ghandha l-ebda dubju li dak qed jittentaw jaghmlu r-rikorrenti odjerni permezz tar-rikors taghhom huwa li jergghu jappellaw *terzo appello* minn dak deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tat-18 ta' Lulju, 2017 b'tentattiv ahhari li jkomplu jtawwlu ulterjoment proceduri li nghataw bidu lura fis-sena 2010 u dan b'detriment se mai ghad-dritt ta' smigh xieraq tal-kontro-parti Bank u mhux tar-rikorrenti stante li d-dritt ta smigh xieraq kif inghad jesigi wkoll li l-kawzi jinqatghu minghajr dewien irragonevoli.

Illi din il-Qorti jidhrilha wkoll mill-assjem kollu tal-atti kemm dawk odjerni u dawk annessi *(u mhux biss mill-qari tal-verbal uniku identifikat mir-rikorrenti odjerni bhala l-bazi tal-lanjanza taghhom)* illi r-rikorrenti odjerni fil-proceduri in kontestazzjoni nghataw diversi opportunitajiet li jressqu l-provi taghhom quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u l-fatt li huma waqqfu hesrem milli jkomplu jressqu l-provi taghhom tant li lanqas baqghu jindenjaw jattendu ghas-smigh tal-kawza zgur ma jistax jitqies bhala xi lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom ghal smigh xieraq izda tali nuqqas se mai jista' biss jitqies unikament bhala nuqqas tal-istess rikorrenti odjerni u ta' hadd aktar. In oltre n-nuqqas da parti taghhom li

almenu wara li l-kawza giet differita ghad-decizjoni jintavolaw talba ghas-sospensjoni tad-decizjoni, li sahansitra nghatat mill-anqas erba' (4) xhur wara, jrendi n-nuqqasijiet tal-istess rikorrenti (konvenuti fl-atti in kontestazzjoni) aktar gravi u grossolani fil-fehema ta' din il-Qorti u li certament ma jiggustifikawx il-pretensjoni taghhom ta' lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom ghal smigh xieraq.

Ghaldaqstant in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ilment kosititutzzjonali odjern.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali li huwa mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-Avukat Generali bhala sorvolata stante l-kjamata fil-kawza tal-HSBC Bank Malta plc.;

3. Tghaddi sabiex tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet kollha mqajjma mill-Avukat Generali u l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza HSBC Bank Malta plc u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Marzu 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Marzu 2020**